MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2014

Numru 25/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**

**Csaba Fazakas**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 25 tas-sena 2013 kontra l-akkużat Csaba Fazakas, detentur tal-passaport Rumen numru 085059210, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l- Avukat Generali ppremetta fl- Ewwel Kap illi fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu instabu żewġ pakketti suspettati li

jikkontjenu sustanża illegali, liema pakketti nstabu ġewwa qiegħ falz ta' bagalja appartenenti lil passiġier ta' Nazzjonalita` Rumena li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira tal-Airmalta minn Zurich bin-numru KM491 (Airmalta). Meta l-pulizija marru fuq il-post l-akkużat ġie identifikat bħala l-persuna li kellu din il-bagalja fil-pussess tiegħu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-ġranet qabel it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) kif ukoll dakinhar, l-akkużat Csaba Fazakas iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra barra minn Malta li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jġorr u jittraffika d-droga kokajina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat xjentement u kunsenswalment ġie Malta wara li qabad titjira mir-Rumanija fejn għadda mill-Olanda, Brussel u Zurich għall-Malta dakinhar tat-23 ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) filwaqt li kien fil-pussess xjenti ta' dawn iż-żewġ pakketti li kienu ġew moħbija fil-bagalja li kien qed iġorr u dan sabiex l-imsemmija droga tiġi ttraffikata. Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar li wasal fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. Hu kien anki ingħata struzzjonijiet sabiex jalloġja ġewwa lukanda ġewwa Malta u jistenna struzzjonijiet addizzjonali bl-iskop li jittraffika din is-sustanża lil ħaddieħor.

Illi fortunatament l-akkużat u d-droga ġiet interċetata fl-ajruport mal-wassla tiegħu u ċioe` qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-pakketti importati mill-akkużat, kienu effettivament jikkonsistu mid-droga kokajina fl-ammont globali ta' elfejn ħames mija erbgħa u għoxrin punt ħamsin gramma (2524.5 gramma) u ċioe madwar ġiex kilo u nofs kokajina u li kellha l-purita` ta' ċirka tletin punt wieħed fil-mija (30.1%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u s-sustanza li nstabet għandha l-valur kumplessiv ta' madwar mija wieħed u desgħin elf tmien mija tnejn u sittin Euro (€191,862).

Illi b'għemilu l-imsemmi Csaba Fazakas sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Csaba Fazakas ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l- Avukat Generali ppremetta fit- Tieni Kap li minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fit-tlieta u għoxrin jum (23) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mir-Rumanija tramite Brussel u Zurich lejn Malta fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina wara li kien irċieva l-bagalja kontenenti din id-droga mill-persuna ma min kien ftiehem ai fini tat-traffikar tal-istess droga qabel ma telaq mir-Rumanija.

Dawn il-pakketti li nstabu fil-bagalja tal-akkużat kienu jikkontjenu l-ammont globali ta' elfejn ħames mija erbgħa u għoxrin punt ħamsin gramma (2524.5 gramma) u ċioe` madwar ġiex kilo u nofs kokajina bil-purita ta' madwar ħamsa tletin put wieħed fil-mija (30.1%). Dan it-traġitt sar mill-akkużat xjentement sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma' jiġi interċettat u sabiex ikun f'posizzjoni jittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma' indunawx u ma interċettawx lill-akkużat fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u illegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Csaba Fazakas sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Csaba Fazakas, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap li dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat xjentement kien qed iġorr il-pakketti kontenenti id-droga illegali kokajina u xjentement kien jaf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' abbuż tad-droga kokajina kif stqarr hu stess u kwindi din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont kumplessiv tad-droga li instabet fil-pakketti kienet waħda konsiderevoli u ċioe` elfejn ħames mija erbgħa u għoxrin punt ħamsin gramma (2524.5 gramma) u ċioe` madwar ġiex kilo u nofs kokajina bil-purita` ta' tletin punt wieħed fil-mija (30.15%) li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Csaba Fazakas sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Csaba Fazakas ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Csaba Fazakas, tas-16 ta' Lulju, 2014, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal perjodu ta' erbatax -il sena (14) flimkien ma' multa ta' tletin elf Ewro (€30,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2014, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Csaba Fazakas, ħati talli:

1. Assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f' Malta jew ma' persuna jew persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina u droga ohra f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l- assocjazzjoni, u dan skont l- Ewwel Kap tal- Att tal-Akkuza.

2. Importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (kokaina) f’ Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza jew il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l- imsemmija Ordinanza li tawtorizza l- importazzjoni ta’ dak l- oggett, u dan skont it- Tieni Kap tal- Att tal- Akkuza.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern sknot id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill- Ministru responsabbli ghad-dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill- Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall- uzu tieghu skont ricotta kif provdut fir- Regoli msemmija, u b’ dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset il-piena li ngħatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi reċentement biex ikun jista’ jinżamm certu proporzjon u relattivita’ fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat in kwantu l-kwantita’ u purita’ tad-droga.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza w għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm

fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mansour Muftah Nagem” [31.10.2002], “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” [15.05.2003] u “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Norman Bezzina [09.10.2010].

Qieset ukoll li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża hija fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta’ l-1939] u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Csaba Fazakas għall-piena ta' erbatax -il sena (14) priġunerija kif ukoll multa ta’ tletin elf Ewro (€30,000) konvertita f’ sena prigunerija jekk ma tithallasx fi zmien hmistax –il jum.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ elf, seba’ mija u tnejn u sebghin Ewro w erbgha u disghin centezmu (€1,772.94), liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal

ta’ tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------